



Brussell, 8 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12862/19

ENFOPOL 434
JAI 1037
COSI 207
CATS 117
JAIEX 148

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Ottubru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	12326/19 + COR 1
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal – Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Ottubru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż tat-tfal, kif adottati mill-Kunsill fit-3717-il laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Ottubru 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**tat-8/10/2019****dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal**

1. L-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali jkasbru l-persuna tat-tfal fl-aktar parti intima tagħha, u jikkawżaw ħsara fiżika u psikoloġika kbira, li tista' tittrawmatizza lill-vittmi għal ħajjithom kollha. L-internet ħoloq opportunitajiet bla preċedent għal dawk li jabbużaw mit-tfal u għall-kriminali għad-distribuzzjoni, il-kummerċ, il-pussess u l-viżwalizzazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Dan żied b'mod sinifikattiv id-domanda għal materjal ġdid u għaldaqstant ir-riskju għat-tfal madwar id-dinja li jsiru vittmi.
2. It-trasgressuri tipikament jaħdmu fuq livell transkonfinali, billi jużaw il-pjattaformi tal-media soċjali u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, kif ukoll networks bejn il-pari (peer-to-peer), web-hosting insuperabbli, ħżin diġitali online, fora apposta fid-dark web u żoni diġitali siguri oħra fejn l-abbuż offline tat-tfal jithegġegġ attivament għall-produzzjoni ta' materjal ġdid "ta' valur għoli" u fejn ir-reat huwa normalizzat. Huwa importanti li bħala prijorità internazzjonali tiġi enfasizzata t-tfittxija għal dawk li jipproduċu l-materjal, minħabba l-gravità tar-reati tagħhom u l-ħsara kbira li jistgħu jikkawżaw.
3. It-trasgressuri spiss jużaw il-kriptaġġ u tekniki oħra ta' anonimizzazzjoni biex jaħbu l-identità tagħhom u fejn jinsabu. Huma jużaw pjattaformi ta' komunikazzjoni ospitati u amministrati f'pajjiżi differenti għall-grooming tat-tfal bi skop ta' abbuż u biex iġiegħluhom jagħtuhom materjal abbużiv, hekk kif l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, imxekkla b'tekniki ta' tghammim u reġimi legiſlattivi differenti f'ġurisdizzjonijiet differenti, speċjalment f'pajjiżi terzi, ibatu biex imexxu l-investigazzjonijiet 'il quddiem.
4. Il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal ta' spiss hija wkoll ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar ta' bnedmin.

5. F'dan l-isfond, u skont l-acquis tal-UE¹, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri li jipproteġu d-drittijiet fundamentali tat-tfal, u d-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità, u li jiġġieldu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm offline kif ukoll online, irrispettivament mill-post fiżiku fejn ikunu jinsabu t-tfal jew in-nazzjonalità tagħhom. It-tnaqqis fl-ġhadd ta' tfal li jisfaw vittmi tal-abbuż sesswali u ż-żieda fil-proporzjon ta' investigazzjonijiet ta' suċċess jibqgħu prijorità politika u operazzjonali ewlenin.
6. F'dan il-qafas, il-Kunsill jilqa' t-tħabbira tas-Summit tal-Alleanza Globali WeProtect biex Jintemm l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal, organizzat f'Addis Ababa, l-Etjopja fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2019, u jagħraf l-importanza tiegħu bħala mezz ta' involviment ma' partijiet ikkonċernati ewlenin b'rabta ma' dan is-suġġett diffiċli. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Membri biex, fil-livell xieraq, jipparteċipaw fis-Summit sabiex jaqsmu prattiki tajba, jitgħallmu mill-oħrajn u jħeġġu lil pajjiżi oħra biex jissottoskrivu l-għanijiet kondiviżi tal-Alleanza Globali WeProtect u jimplimentawhom.
7. Għal dan l-għan, il-Kunsill ifakkar,
 - a. fl-adozzjoni tad-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u fl-impenn li ħadu l-UE u l-Istati Membri tagħha biex jittrasponu b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fir-reġimi nazzjonali. Ir-rapporti tal-2016 tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew² urew li, filwaqt li kien sar sforz konsiderevoli għat-traspożizzjoni tad-Direttiva, kienet meħtieġa aktar ħidma ta' traspożizzjoni biex ikun żgurat li t-tfal jibbenefikaw mill-valur miżjud sħiħ tad-Direttiva. B'mod partikolari, skont ir-rapporti, għadhom meħtieġa sforzi addizzjonali fil-qasam tal-prevenzjoni u d-dispożizzjonijiet tad-dritt penali sostantiv, kif ukoll fil-qasam ta' miżuri ta' assistenza, ta' appoġġ u ta' protezzjoni għat-tfal vittmi;

¹ L-Artikoli 82 u 83 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (verżjoni konsolidata).

² [COM/2016/0871](#) u [COM/2016/0872](#).

- b. fl-adozzjoni u, fejn applikabbli, l-applikazzjoni Prattika tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, li tapplika għall-vittmi kollha ta' kull reat u li tinsisti fuq approċċ li jqis is-sitwazzjoni tat-tfal, fejn l-aħjar interessi tat-tfal vittmi jridu jkunu l-konsiderazzjoni prinċipali tul il-proċedimenti kriminali kollha;
- c. fl-adozzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar tal-bniedem u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u l-qafas ta' politika li jikkomplementaha, skont il-mandat orizzontali tal-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar
- d. fl-Aġenda tal-UE dwar is-Sigurtà³ li ssemmi ċ-ċiberkriminalità u r-ramifikazzjonijiet kollha tagħha, inkluż l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, bħala waħda mit-tliet prijoritajiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati għas-salvagwardja tas-sigurtà taċ-ċittadini u tal-valuri tal-Unjoni;
- e. fil-Qafas Strateġiku tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija⁴, li fih l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet kollha tal-bniedem u f'dan ir-rigward titkellem favur id-drittijiet tat-tfal b'attenzjoni speċifika għall-protezzjoni tat-tfal mill-vjolenza.
- f. fl-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex jinkiseb l-għan li jiġi eliminat l-isfruttament sesswali tat-tfal kif stabbilit fl-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli⁵ u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali⁶;

³ [COM\(2015\) 185 final](#) u l-Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 ST 9798/15.

⁴ [11855/12](#).

⁵ [UN 2030 Aġenda for Sustainable Development](#) (Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli).

⁶ [Council of Europe Convention on protection of children against sexual abuse and exploitation](#), (Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali), 2007.

- g. fir-Riżoluzzjoni tan-NU tal-24 ta' Mejju 2019 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali online⁷, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal⁸;
 - h. fil-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, speċjalment ta' Nisa u Tfal, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali
 - i. il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2012 dwar Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali Online tat-Tfal⁹
 - j. u fl-appell lill-Istati Membri fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II fl-2017¹⁰ biex jibqgħu impenjati fil-prevenzjoni ta' kull forma ta' vjolenza sesswali u sessista, il-ġlieda kontriha u l-prosekuzzjoni tagħha.
8. Il-Kunsill jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jivvalutaw perġodikament l-effikaċja tal-leġislazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal biex jiżguraw li din tkun adatta. Il-valutazzjonijiet sensitivi għall-ġeneru għandhom jindirizzaw b'mod partikolari l-prevenzjoni tar-reati, u l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tagħhom, inkluż dawk imwettqa bl-abbuż ta' pjattaformi online, kif ukoll l-assistenza u l-appoġġ mogħtija lit-tfal vittmi matul u wara l-investigazzjoni, u l-miżuri ta' protezzjoni matul il-proċedimenti kriminali. Madankollu, il-miżuri m'għandhomx ikunu limitati għall-qasam tad-dritt penali.
9. Il-Kunsill jagħraf l-importanza tal-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u ta' approċċ intersettorjali, komprensiv u inklużiv meta jitfasslu u jiġu implimentati l-politiki u l-leġislazzjoni futuri fl-oqsma kollha rilevanti għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

⁷ NU, Kunsill Ekonomiku u Soċjali, Kummissjoni għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u għall-Ġustizzja Kriminali, [Countering child sexual exploitation and sexual abuse online](#), (Il-ġlieda kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali online), 24 ta' Mejju 2019.

⁸ [Optional Protocol to the Convention on the Rights of the Child on the sale of children, child prostitution and child pornography](#), (Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal), 25 ta' Mejju 2000.

⁹ [10607/12](#).

¹⁰ [14027/18](#).

10. Il-Kunsill itenni l-importanza ta' azzjoni f'waqtha biex it-trasgressuri jiġu investigati u mressqa quddiem il-qrati u biex it-tfal vittmi tal-abbuż u l-isfruttament sesswali jiġu salvati minn sitwazzjonijiet fejn tkun qed issirihom ħsara, u jistieden lill-awtoritajiet kompetenti biex jużaw kemm jista' jkun l-għodod u l-mekkaniżmi eżistenti disponibbli fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE, b'mod partikolari fil-Europol u l-Eurojust. Il-Kunsill jenfasizza l-hteġa ta' għodod xierqa u speċifiċi sabiex jiġi miġġieled l-abbuż tat-tfal online, inkluż il-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jisfruttaw id-data miġbura matul l-investigazzjonijiet. Għal dan il-għan, il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tal-Kunsill ĠAI tas-6 u s-7 ta' Ġunju 2019, li jissottolinjaw li ż-żamma tad-data hija essenzjali għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effikaċi ta' reati gravi. Barra minn hekk, ir-riformi leġislattivi għandhom iżommu l-possibbiltà legali għal skemi għaż-żamma tad-data, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
11. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u japplikaw metodi innovattivi ta' investigazzjoni kif ukoll iqisu l-allokazzjoni ta' riżorsi speċjalizzati tal-infurzar tal-liġi biex jiġu miġġielda l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal. L-iskambju ta' Prattiki tajba fost l-Istati Membri jżid il-valur ta' dawn l-inizjattivi.
12. Il-Kunsill iqis li l-industrija, u b'mod partikolari l-pjattaformi online, huma kontributur ewlieni għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, inkluż it-tneħħija rapida ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Minkejja l-isforzi attwali, il-Kunsill jinnota li jrid isir aktar biex jingħelbu l-isfidi tekniċi, legali u umani li jxekklu l-ħidma effettiva tal-awtoritajiet kompetenti.

13. Il-Kunsill iheggegħ lill-industrija biex tiżgura l-aċċess leġittimu għall-evidenza diġitali mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u minn awtoritajiet kompetenti oħra, anke meta din tkun kriptata jew ospitata fuq servers tal-IT li jinsabu barra mill-pajjiż, mingħajr ma tipprojbixxi jew iddgħajjef il-kriptaġġ u b'rispett sħiħ għall-privatezza u l-garanziji ta' proċess ġust b'mod konsistenti mal-liġi applikabbli. Barra minn hekk, jehtiegħ li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, il-fornituri tal-Internet, l-Europol u l-Interpol f'konformità mal-qafas legali applikabbli, pereżempju billi jitfasslu mekkaniżmi għall-iskambju kriptat tal-informazzjoni. Dan jista' jippermetti l-monitoraġġ kontinwu tan-netwerk biex jiġu identifikati u mblukkati siti li fihom jidher l-isfruttament sesswali tat-tfal u biex dawn is-siti jitqiegħdu fuq il-lista ta' siti pprojbiti. B'mod partikolari, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda ma jkollhomx impatt negattiv fuq il-kapaċità li jiġi mblukkat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iheggegħ lill-industrija biex tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kif jixraq.
14. Il-Kunsill jinnota bi tħassib iż-żieda esponenzjali fl-ammont ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online fl-aħħar snin. Huma meħtieġa soluzzjonijiet aħjar għall-ġestjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-rapporti ta' każijiet ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal online, sabiex tkun żgurata azzjoni rapida biex il-vittmi jiġu salvati mill-abbuż. Il-Kunsill jistieden lill-fornituri tas-servizzi online biex ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għall-kontenut identifikat bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mill-aktar fis possibbli wara li jsiru jafu bih. Huwa jappella lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri biex tiġi indirizzata din l-isfida li qed tikber. Il-Kunsill jenfasizza wkoll ir-rwol importanti tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-hotlines INHOPE, fl-appoġġ għat-tneħħija tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u jheggegħ lill-Istati Membri biex iqisu aktar alternattivi biex l-awtoritajiet tagħhom ikunu jistgħu jappoġġaw il-hotlines ċivili, speċjalment f'każijiet fejn il-kooperazzjoni min-naħa tal-kumpanniji tkun nieqsa.

15. Barra minn hekk, il-Kunsill jagħraf il-ħtieġa li jiġi stabbilit approċċ li jinvolvi lil diversi partijiet ikkonċernati, li jgħib flimkien lill-industrija, is-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-gvernijiet (inkluż permezz ta' sħubiji pubbliċi-privati) biex jiġu kkoordinati l-isforzi ta' prevenzjoni biex b'hekk dawn ikunu effikaċi kemm jista' jkun. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tqis azzjoni ulterjuri b'appoġġ għal inizjattivi ta' prevenzjoni.
16. B'mod partikolari, il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni ta' approċċi preventivi mill-Istati Membri, bħall-iskrutinju komprensiv tal-professjonisti u l-voluntiera kollha li jidħlu f'kuntatt regolari u dirett mat-tfal, il-ħolqien ta' programmi ta' prevenzjoni għat-trasgressuri u t-tnedija ta' kampanji edukattivi fl-iskejjel u għall-pubbliku sabiex jissaħħu r-reżiljenza virtwali u ċ-ċittadinanza diġitali taż-żgħażaġh. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu jżidu u jiskambjaw il-prattiki t-tajba f'dawn l-oqsma u jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tippromwovi u tikkoordina approċċi preventivi bħal dawn fost is-servizzi kollha li jkollhom x'jaqsmu mat-tfal.
17. Il-Kunsill jilqa' l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE fl-isforzi kollaborattivi mmirati għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal. Il-Kunsill iħeġġiġhom ikomplu japprofondixxu l-involvement tagħhom, inkluż fil-prijorità mogħtija mill-EMPACT lill-isfruttament sesswali tat-tfal fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-Kriminalità Internazzjonali Organizzata u Serja, u t-Taskforce tal-Europol għall-Identifikazzjoni tal-Vittmi.
18. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma t-tajba taċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) b'appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u jenfasizza l-importanza li jkun hemm teknoloġija tal-ogħla livell għall-investigazzjonijiet. Huwa jistieden lill-EC3 biex ikompli jgħin lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-individwazzjoni ta' kull forma ta' kriminalità assoċjata mal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u fil-ġlieda kontra d-distribuzzjoni tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online, inkluż l-abbuż tat-tfal mill-bogħod f'ħin reali.

19. Il-Kunsill jisħaq ukoll fuq ir-rwol tal-Eurojust fl-appoġġ għall-awtoritajiet nazzjonali ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni bil-ħsieb li tiġi evitata l-impunità tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal. Huwa jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Europol kif ukoll it-titjib u l-inizjattivi fil-qasam tal-ġustizzja kriminali diġitali.
20. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet oħra jingħataw taħriġ xieraq biex jiġġieldu b'mod effettiv l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, b'enfasi speċjali fuq il-protezzjoni tal-vittmi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-portafoll ta' taħriġ disponibbli tas-CEPOL.
21. Barra minn hekk, il-Kunsill jagħraf l-importanza ta' approċċ globali u kkoordinat biex jiġi miġġieled l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal u jappella għal involviment qawwi permezz tal-mezzi ta' kooperazzjoni eżistenti ma' pajjiżi terzi u ma' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra biex jittrażżnu dawn ir-reati tal-waħx.
22. Il-Kunsill ifakkar fil-wegħda li għamlu l-Ministri għall-Ġustizzja u l-Intern tal-Istati Membri tal-UE li jikkontribwixxu għall-miri ta' politika u l-għanijiet operazzjonali komuni stipulati meta tniedet l-Alleanza Globali¹¹ u għall-ħidma li diġà nbdiel mill-pajjiżi¹². Il-Kunsill iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom u biex jużaw is-soluzzjonijiet tekniċi, bħall-bażi tad-data internazzjonali dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal (ICSE) fl-Interpol biex jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet internazzjonali, skont l-impenn tagħhom fl-Alleanza Globali. Ir-rabta mal-bażi tad-data ICSE hija kruċjali għall-iskambju ta' informazzjoni dwar każijiet globali, iżda f'xi partijiet tad-dinja l-parteċipazzjoni għadha baxxa. Parteċipazzjoni wiesgħa fil-bażi tad-data ġġib magħha għarfien espert siewi rigward il-lingwi differenti użati fil-filmati ppreżentati minn aġenziji oħra, u b'hekk trawwem protezzjoni aħjar tat-tfal madwar id-dinja.

¹¹ [Declaration on the launch of the Global Alliance against child sexual abuse online](#) (Dikjarazzjoni dwar it-tnedija tal-Alleanza kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal Online). Fl-2014, l-Alleanza Globali nqasdet ma' WeProtect (inizjattiva li tinvolvi lil diversi partijiet ikkonċernati, immexxija mir-Renju Unit, biex jiġi miġġieled l-isfruttament sesswali tat-tfal online fid-dinja kollha) biex tgħaqqad it-tajjeb taż-żewġ inizjattivi u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi.

¹² Din il-ħidma hija riflessa fir-rapporti tal-Alleanza Globali tal-[2013](#) u l-[2015](#).

23. Il-Kunsill jilqa' l-Alleanza Globali WeProtect biex Jintemm l-Isfruttament Sesswali Online tat-Tfal bħala organizzazzjoni dinjija li tinvolvi lil diversi partijiet ikkonċernati u li ġġib flimkien lill-gvernijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-industrija u s-soċjetà ċivili biex tittejjeb l-effikaċja tal-ġlieda kontra dawn ir-reati fid-dinja kollha. Il-Mudell ta' Rispons Nazzjonali mfassal mill-Alleanza Globali WeProtect¹³ u l-Valutazzjoni tagħha tat-Theddida Globali¹⁴ jaqdu rwol kruċjali fl-identifikazzjoni tal-lakuni u l-prijoritizzazzjoni tal-azzjonijiet.
24. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Membri biex japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom ma' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-abbuż u l-isfruttament tat-tfal u biex jipprovdu deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri eżistenti b'appoġġ għall-pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, inkluż il-fenomeni tat-turiżmu bi skop ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-abbuż sesswali tat-tfal bi streaming dirett, u jappella lill-Kummissjoni biex tikseb ħarsa ġenerali tal-appoġġ li qed jingħata bil-ħsieb li tkun iffaċilitata l-ħidma futura f'dan il-qasam.
25. L-UE thegġegħ lill-pajjiżi terzi biex iqisu l-adeżjoni tagħhom mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tat-tfal kontra l-isfruttament u l-abbuż sesswali¹⁵, bħala qafas leġiżlattiv ewlieni fuq livell internazzjonali biex jiġi miġġieled ir-reat tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal u bħala mudell għal-leġislazzjoni nazzjonali.

¹³ [Model National Response](#), (Mudell ta' Rispons Nazzjonali), 2018, Alleanza Globali We Protect.

¹⁴ [Global Threat Assessment](#), (Valutazzjoni tat-Theddida Globali), 2018, Alleanza Globali We Protect.

¹⁵ [Council of Europe Convention on protection of children against sexual abuse and exploitation](#), (Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali), 2007.